MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2003

Talba Numru. 321/2003

**U.C.I.M. Company Limited**

**Vs**

**Noel Mifsud**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' Lm1,350.00c (elf, tlett mija u hamsin lira Maltin) rappresentanti import ta' (18) tmintax-il kambjala, kollha ta' Lm75.00c (hamsa u sebghin lira Maltin) il-wahda, debitament accettati u skaduti minn Lulju 2001 sa Dicembru 2002 rispettivament u mhux imhallsa, annessi ma' l-Avviz bhala dokumenti numri minn 1 sa 18 konsekuttivament u inklusivament.

Bl-imghax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala li sas-7 ta' Frar, 2003 jammontaw ghal Lm100.00c (mitt lira Maltin), oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-

ispejjez, inkluzi Lm6.00c (sitt liri Maltin) tal-konsult legali, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut baqa' kontumaci;

Sema' li l-ammont ghadu dovut;

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jilqa' t-talbiet attrici, kif kontenuti bl-ispejjez u l-interessi skond il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------